MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 235/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Alexander P. Miruzzi)
Vs
Randolph Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta' R. Cauchi Enterprises Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att,
1) fl-4 t'April, 2009, waqt l-Abba Show li sar gewwa l-MFCC, Ta' Qali, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-

partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

3) fl-istess hin, lok u cirkostanzi, fixkel, tellef, xekkel jew ghamel xi haga bil-hsieb li jfixkel, ittellef jew ixekkel jew ghamel xi haga bil-hsieb li jfixkel, tellef jew ixekkel lill-ispetturi prezenti w dan billi rrifjuta diversi drabi li jaghtihom id-dokumenti rikjesti minnhom sabiex ikunu jistghu iwettqu d-dmirijiet assenjati lilhom, u dan bi ksur ta’ artikolu 79(A) ta’ l-imsemmi Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 79 u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta w il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax is-Skeda ta’ l-istess Kap. 406, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w illiberatu minnha w filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel wahda, sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w taghha kkundannatu multa ta’ hames mitt Euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel zewg akkuzi, w tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tat-tielet akkuza, w ghaldaqstant tilliberah minn din l-imputazzjoni wkoll u l-konsegwenti piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu billi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar it-tielet akkuza, w dan ghar-raguni li l-appellant fl-ebda waqt ma rrifjuta li jaghti lill-ispetturi xi dokument rikjest minnhom. Dan irrizulta b'mod abbundanti mix-xiehda mismugha quddiem l-Ewwel Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' Paul Scicluna, Caroline Arapa w Denise Schiavone ghall-prosekuzzjoni w ta' missier l-appellant, Alphonse Cauchi fl-udjenza tal-15 t' Ottubru, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tielet imputazzjoni w cioe' dik li l-appellant fixkel, tellef, xekkel jew ghamel xi haga bil-hsieb li jfixkel, itellef jew ixekkel lill-ispetturi tal-VAT u dan billi rrifjuta diversi drabi li jaghtihom id-dokumenti rikjesti minnhom sabiex ikunu jistghu jwettqu d-dmirijiet assenjati lilhom, bi ksur tal-artikolu 79(a) tal-Att XXIII tal-1998.

Illi x-xhieda jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**Paul Scicluna** xehed li hu kien biss deher ghad-Dipartriment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti izda ma kien jaf xejn dwar il-kaz personalment.

**Caroline Arapa** xehdet li fl-4 t' April , 2009, kienet ma tlitt VAT Inspectors ohra fil-Malta Fairs & Convention Centre (MFCC) f' Ta' Qali, fejn kien hemm kuncert tal-ABBA w

innotat li fil-bars li kien hemm armati taht it-tinda gestiti mill-appellant, l-erba impjegati li kien hemm ma kienux qed jippancjaw is-*sales* u l-hlas fiz-zewg *cash registers*. Bdew jippruvaw jiehdu d-dettalji taghhom u jkellmuhom u jghidulhom biex jippancjaw pero' bdew jinjorawhom. Hi kellmet lill-missier l-appellant u dan cempel lill-appellant biex imur fuq il-post. Sadattant huma kienu hadu l-X-reading tal-bidu. Rat lil missier l-appellant jaghmel *sale* ta' ghaxar Ewro u ma jippancjahx u meta qalulu jippancjah, qalilhom li kien ser icempel lit-tifel. Meta gie l-appellant beda jghid li wahda minnhom, u cioe' Angela Muscat, kienet ippikata mieghu w li jekk ma titlaqx din kien ser jaghti ordni lill-impjegati biex ma jippancjawx. Kienu damu hemm xi 15 il-minuta w l-appellant baqa' ma riedx jikko-opera. Huma kienu talbu l-*x-reading* l-ewwel lill-missier l-appellant u wara lill-appellant. Meta wasal l-appellant ma tahomx l-*x-reading* u qal lill-impjegati biex ma jippancjawx is-*sales.* Hi riedet tiehu X-reading f' xid-9 pm u iehor f' xil-11 pm.

In kontroezami, xehdet li l-ewwel talbu l-*x-reading* lil missier l-appellant u dan kien qalilhom li hu ma kienx jaf johrogha u li jew jistennew lill-appellant jew johorguha huma stess. Hi qaltlu li ma kienetx ser taghmilha hi l-*x-reading*. Tal-bidu haduh l-*x-reading* tal-ahhar le. Tal-ewwel kien f' xid-9 pm u tal-ahhatr kienu talbuh wara l-11pm. Il-bar kellu zewg cash points u zewg cash registers, tul ta' mejda l boghod minn xulxin. Fil-bidu kienu qalulu kif jaghmel l-*x-reading* lir-ragel li kien hemm wara l-bar u dan ghamilha. Fit-tieni darba meta l-appellant irrifjuta li johrog l-*x-reading* ma tiftakarx jekk missieru kienx hdejh.

**Denise Schiavone** xehdet li fid-data msemmija kienet ma tlitt spetturi ohra fl-MFCC, fejn kienu ordnati biex jissorveljaw l-entraturi w l-bars. Innotaw li fil-bars ma kienux qed jigu ppancjati d-*drinks*. Kien hemm zewg tfajliet u ragel wara l-bars u meta huma identifikaw ruhom, ir-ragel qalilhom li kien missier l-appellant li hu t-*tax payer*. Meta wasal l-appellant fuq il-post dan ippretenda li wahda minnhom titlaq u li ma kienx lest li jikko-opera w li ser

jaghti ordni li sakemm din tibqa' hemm in-nies tieghu ma jippancjawx. Peress li huma kienu *"team"* ma setghux jghidulha biex titlaq. Dawn fil-fatt ma bdewx jippancjaw. Huma talbuh biex johrog ir-*receipts* u l-*x-reading* hu rrifjuta.

In kontro-ezami, qalet li kienu xoghol hemmhekk mis-7.30 pm. sal-11.30pm. Fejn inqala l-argument huma damu xi 40 minuta. Minn tal-inqas. Fil-bidu ma kienx hemm l-appellant. Meta talbu l-*x-reading* fil-bidu kienu tawhulhom. Kien tahulhom missier l-appellant li ma tahomx l-I.D. Card tieghu. Bejn l-ewwel *x-reading* u x' hin gie l-appellant fuq il-post kien sar biegh iehor li ma giex registrat. Meta raw hekk, kellmu wahda mit-tfajliet wara l-*counter* izda din injorathom u meta qalu lil missier l-appellant biex jghid lit-tfajliet li kien hemm wara l-ounter biex jippancjaw, dan qalilhom li kien ser icempel lill-appellant. Meta umbaghad wasal l-appellant dan ma tahilhomx ghax ried lil dik il-VAT Inspector titlaq. Mistoqsija ghax ma ippancjatx ghal biex tiehu l-x-reading, hi qalet: "*Ma tarax ; mhux ser jidhol nippancja jiena….Le. Ma niehux l-inkarigu li nippancja jien."*

**L-appellant** ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti.

**Alphonse Cauchi**, xhud in difeza, xehed li hu missier l-appellant u dakinhar kien qed jghin lill-ibnu. X' hin gew tal-VAT talbuh iz-*Z-reading* u hu ma jafx jaghmlu. Qalilha li ser jghajjat lill-ibnu bir-radio. Qaltlu *"Le.".* Qalilha : *"Tista' tiehdu int."* Qaltlu : *"Le."* Qalilha: *"Ma nistax naghtihulek jien*." Qaltlu: "*Ha nirraportak."*. Talbitu l-Id Card u tahielha. Talbitu tat-tifel u taha n-numru. Qaltlu: *"Nispera li mhux foloz."* Qalilha *"Foloz x' igifieri.?"* Mhu veru xejn li l-appellant kien ordna lill-impjegati biex ma jippancjawx. It-tifel f' ebda hin ma kien mar hdejh. Fl-ebda hin waqt li kienu prezenti huma ma kien mar l-appellant fuq il-post. Dan kien fl-ufficcju. Hu kien ghamel sa nofs il-lejl hemmhekk. U zgur li ibnu f' ebda hin ma kien mar hemm. X' hin kienu huma hdejh, it-tifel ma kienx hemm. Jista' jkun li kellmu lit-tifel f' bar iehor.

Hawn sar konfront max-xhieda Arapa w Schiavone w tal-ewwel qalet li Alphonse Cauchi kien biss metri boghod, distanza vera qasira w kien hdejn il-*cash register* meta kienu qed ikellmu lill-appellant.

Ix-xhud hawn qal li jekk l-Inspectors kienu kellmu lill-appellant, kienu kellmuh f' post iehor. Baqa' jghid li hu f' ebda hin ma kien ta *z-reading* lill-Ispetturi u dan ghaliex ma jafx kif u ghadu sal-lum ma jafx kif. Mistoqsi mill-avukat difensur jekk lejn l-ahhar tal-kuncert saritx xi talba biex isir *x-reading* jew *z-reading* iehor, ix-xhud wiegeb li le. Dawn kienu gew xi nofs siegha wara li beda l-kuncert u ma regghux gew zgur ghax hu kien baqa' hemm sal-ahhar. Fejn kien hu zgur ma gewx. Mill-*cash register* tieghu zgur li ma hadu ebda *reading*.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 79 (a) tal-Kap. 406 jiddisponi li:-

*"kull persuna li- (A) tfixkel, ittellef, ixxekkel jew taghmel xi haga bil-hsieb li tfixkel, ittellef jew ixxekkel , jew iddejjaq jew tattakka lill-Kummissarju jew lil xi persuna li tkun qed twettaq kif imiss xi setgha jew dmir lilha moghti jew impost fuqha b' dan l-Att jew bis-sahha tieghu….tkun hatja ta' reat…."*

Issa, f' dan il-kaz jirrizulta b' mod inkontestat – ghax l-appellant ma xehedx u x-xiehda ta' missieru ma teskludix dak li xehdu l-VAT Inspector Arapa w Schiavone - li meta huma talbu lill-appellant, wara li dan wasal fuq il-post, biex johorgilhom *x-reading*, hu irrifjuta li jaghmel dan u mhux biss imma addirittira ordna lill-impjegati tieghu biex ma jippancjawx *sales* fuq il-*cash registers,* jekk minn fuq il-post ma titlaqx wahda mill-Inspectors, certa Angela Muscat, ghax beda jghid li din ippikata mieghu.

Illi certament li dan l-agir tal-appellant li jirrifjuta li johrog *x-reading* meta gie hekk mitlub jaqa' entro d-definizzjoni ta' tfixkil ta' persuna li tkun qed twettaq kif imiss xi setgha jew dmir lilha moghti jew impost fuqha bl-Att. Wahda mill-modi kif il-VAT Inspectors jistghu ikunu f' posizzjoni li

jivverifikaw jekk bejjiegh jew *supplier* ta' servizzi ikunx qed jaghti ricevuti fiskali hu proprju billi jaraw kif jikkomparaw ir-*readings* fil-*cash register* bejn il-bidu tal-attivita' kummercjali gjornaliera ma dik tat-tmiem tal-istess jum. Dan hu ovvju w ma hemmx ghalfejn jirrikjedi spjegazzjoni. Jekk xi hadd jigi mitlub li johrog dan ir-*reading* u jirrifjuta – kif indubbjament ghamel l-appellant , dan jikkostitwixxi tfixkil fis-sens tal-ligi.

Illi umbaghad kuntrarjament ghal dak li qed jissottometti l-appellant, it-tfixkil ma hemmx bzonn li jsir bi xi azzjoni pozittiva imma jikkonfigura ruhu wkoll fir-rifjut li jaghmel dak li hu jigi mitlub li jaghmel mill-VAT Inspectors bhal ma gara f' dan il-kaz.  Certament ukoll il-*printout* tal-*x-reading* huwa "dokument" li jista' jigi mitlub mill-ispetturi tal-VAT waqt l-ispezzjonijiet taghhom u hekk solitament isir ghal ragunijiet ovvji!

Id-depozzzjoni ta' Alphonse Cauchi, ghalkemm kontradetta minn zewg xhieda, tista' xorta wahda tkun wahda veritjiera ghax - kif fl-ahhar ikkonceda hu stess - kien possibbli li l-VAT inspectors kienu fil-fatt kellmu lill-ibnu l-appellant f' post iehor u mhux fil-prezenza tieghu. Ghalhekk id-depozizzjoni tieghu tista' tikkoabita ma dik tal-VAT Inspectors. Pero' bl-ebda mod ma tiskredithom jew tiskolpa lill-appellant .

Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiskarta d-depozizzjoni taz-zewg VAT Inspectors Arapa w Schiavone w, fl-assenza ta' cahda guramentata ta' dak minnhom depost mill-appellant, taddotta l-versjoni taghhom bhala wahda veritjiera.

Ghalhekk l-appell jidher manifestament infondat u qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------